MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 795/2012

**Favell Wines & Spirits Limited C 37343**

**vs**

**Malta Quality Time Ltd C 52230**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'din il-kawza dwar hlas pretiz mill-Attur ta' hames mija, wiehed u sebghin Ewro erbgha u tmenin centezmi (€571.84c), prezz ta' merkanzija ga, b'sentenza tat-2 ta' Dicembru 2014 gew michuda l-ewwel zewg eccezzjonijiet ta' xehta preliminari u jonqos issa jitqies il-mertu.

II PROVI

Hawn it-TRIBUNAL jibda biex igib dak li tnizzel taht PROVI fid-decizjoni in parte ga citata. Mela:-

1. Jigi hawn indikat li dawn huma xi whud mill-provi u ghalhekk wiehed ghandu jhares ghall-intier ta' dawn kif jinsabu fil-process.

2. **Keith Seychell**, Direttur tas-Socjeta' Konvenuta beda biex qal li m'ghandhom jatu xejn u li qatt ma rcieva att tal-Qorti dwar il-pretensjoni attrici. Fir-rigward id-difensur tas-Socjeta' Attrici esibixxa Dok AC – AC3 li huma ittra ufficjali datata 28 ta Gunju 2012 flimkien ma *invoices* kif ukoll riferta pozitiva datata 14.09.12 firmata minn Dorianne Seychell ghal Malta Quality Time Ltd.

3. In kontro-ezami x-xhud qal li ma kellux idea tad-Dok AC. Anqas jiftakar li kien ta struzzjonijiet lil Dr. Veronique Dalli biex twiegeb ghad-Dok C. Muri Dok AC3, accetta li €178 huma dovuti izda l-merkanzija skond Dok AC2 qatt ma giet ghandu. Il-firma fid-dokumenti ma jafx ta' min hi.

4. Wara li nghatat is-sentenza preliminari xehed **Reuben Vella** Direttur tas-Socjeta' Attrici li qal li huma ghamlu konsenji fil-Moscow Club, Paceville gestit mis-Socjeta' Konvenuta. Ikkkonferma li dak mitlub ghadu dovut.

5. **Douglas Attard**, *delivery man* mas-Socjeta' Attrici kkonferma l-konsenja li ghaliha tirriferi l-kawza. Jaghraf il-firma ta' missier Keith (li pero' hu l-*manager* ta' Moscow Club) li gieli kien ikun fil-post. Gieli tkellem maghhom fuq l-ammont u qatt ma qalulu li l-ammont ma kienx dovut u hawn wiehed jirriferi ghax-xhieda tieghu *a fol* 48/49.

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. It-TRIBUNAL iqis dak kunsidrat fis-sentenza preliminari fir-rigward tax-xhieda ta' Keith Seychell ghax jitfa dawl fuq il-mertu. Izid josserva li t-TRIBUNAL, kif presedut, kellu l-opportunita' li jisma u josserva x-xhieda ta' dan kif ukoll dik ta' min tressaq ghas-Socjeta' Attrici.

2. It-TRIBUNAL iqis l-ammissjoni ta' Seychell fir-rigward ta' parti mill-*quantum* mitlub, imma fid-dawl tax-xhieda ghal kollox rassikuranti mressqa mis-Socjeta' Attrici, ihoss li bla ebda dubju ragonevoli il-*quantum* kollu mitlub ghandu jithallas.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL **jiddeciedi** billi (1) **jichad** ukoll it-tielet eccezzjoni tas-Socjeta' Konvenuta u (2) **jilqa** t-Talba Attrici u jghaddi biex jikkundanna lis-Socjeta' Konvenuta biex thallas lis-Socjeta' Attrici l-ammont mitlub ta' €571.84c u dana bl-imghax mid-29 ta' Novembru 2012 sal-jum tal-pagament effettiv u (3) **jikkundanna** wkoll lis-Socjeta' Konvenuta biex thallas l-ispejjes kollha tal-kawza inkluzi dawk tas-sentenza preliminari.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------